**MALTA**

**Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)**
**Maġistrat**
**Dr. Gabriella Vella B.A., LL.D.**

**Rikors Nru. 2141/19/1VG**

**Fl-Atti ta' l-Ittra Uffiċjali Numru 2141/2019 datata 15 ta' Ottubru 2019 fl-ismijiet:**

**Id-Direttur Ġenerali tas-Sigurtà Soċjali**

**Vs**

**Blasio Buttigieg**

**Illum 24 ta' Ottubru 2022**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors ippreżentat minn Blasio Buttigieg fit-13 ta' Ottubru 2021 permezz ta' liema jitlob li l-Qorti tiddikjara li t-talba tad-Direttur Ġenerali tas-Sigurtà Soċjali kif avvanzata kontrih bl-Ittra Uffiċjali ai termini ta' l-Artikolu 466 tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta bin-Numru 2141/19 datata 15 ta' Ottubru 2019, hija nfondata;

Rat id-dokumenti a fol. 4 sa' 7 tal-proċess;

Rat ir-Risposta tad-Direttur Ġenerali tas-Sigurtà Soċjali permezz ta' liema jopponi għat-talba tar-Rikorrent u jitlob li l-istess tiġi miċħuda, bl-ispejjeż kontra tiegħu, stante li l-kontestazzjoni tiegħu għat-talba għall-ħlas avvanzata bl-Ittra Uffiċjali ai termini ta' l-Artikolu 466 tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta bin-Numru 2141/19, hija għal kollox infondata fil-fatt u fid-dritt;

Rat l-atti ta' l-Ittra Uffiċjali ai termini ta' l-Artikolu 466 tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta bin-Numru 2141/19 datata 15 ta' Ottubru 2019, li ġew allegati ma' l-atti ta' dawn il-proċeduri;

Rat id-dokumenti markati Dok. "BB1" u Dok. "BB2" esebiti mir-Rikorrent permezz ta' Nota ppreżentata fit-18 ta' Jannar 2022 a fol. 22 sa' 28 tal-proċess u sema' x-

xhieda tar-Rikorrent mogħtija waqt is-seduti tat-18 ta' Jannar 2022[1] u ta' l-24 ta' Mejju 2022[2], rat l-affidavit ta' Grazio Barbara fil-kapaċità tiegħu ta' Direttur Ġenerali tas-Sigurtà Soċjali u d-dokumenti annessi miegħu markati Dok. "GB1" sa' Dok. "GB4" esebiti mid-Direttur Ġenerali tas-Sigurtà Soċjali permezz ta' Nota ippreżentata fis-16 ta' Frar 2022 a fol. 34 sa' 69 tal-process, semgħet ix-xhieda ta' Louis Buhagiar in rappreżentanza ta' Jobsplus mogħtija waqt is-seduta tas-7 ta' Marzu 2022[3] u rat id-dokument esebit minnu markat Dok. "LB" a fol. 74 tal-proċess;

Semgħet it-trattazzjoni orali da parte tad-Difensuri tal-partijiet kontendenti;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

**Ikkunsidrat:**

Permezz ta' Ittra Uffiċjali ai termini ta' l-Artikolu 466 tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta bin-Numru 2141/19 datata 15 ta' Ottubru 2019 (iktar 'l quddiem f'din id-deċiżjoni indikata bħala l-Ittra Uffiċjali), id-Direttur Ġenerali tas-Sigurtà Soċjali interpella lir-Rikorrent sabiex iħallas is-somma ta' €1,026.41, rappreżentanti ħlas indebitu ta' Pensjoni ta' l-Invalidità fil-perijodu bejn 12 ta' Jannar 2015 u s-27 ta' Frar 2015 peress li f'dak il-perijodu huwa kien beda jaħdem. Id-Direttur Ġenerali għarraf lir-Rikorrent ukoll illi *l-esponent bagħat jinfurmak bid-deċiżjoni tiegħu u cioè li għandek tirrifondi lura l-ammont hawn fuq ċitat, nhar il-5 ta' Mejju 2015. Fl-istess deċiżjoni l-esponent infurmak ukoll illi f'każ li inti ma taqbilx ma' l-imsemmija deċiżjoni, inti kellek id-dritt li tappella ai termini ta' l-Artikolu 108 tal-Kapitolu 318 tal-Liġijiet ta' Malta. Nonostante tali avviż, inti għażilt li ma tappellax minn tali deċiżjoni u di più ma bdejtx tħallas tali ammont.*

Ir-Rikorrent joġġezzjona għall-interpellazzjoni għall-ħlas tad-Direttur Ġenerali tas-Sigurtà Soċjali u pproċeda billi ai termini ta' l-Artikolu 466(2) tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta, ressaq ir-Rikors odjern fejn jitlob li l-Qorti tiddikjara li t-talba tad-Direttur Ġenerali tas-Sigurtà Soċjali kif avvanzata kontrih bl-Ittra Uffiċjali hija infondata.

Ir-Rikorrent jibbaża l-oġġezzjoni tiegħu għall-interpellazzjoni għall-ħlas tad-Direttur Ġenerali tas-Sigurtà Soċjali in bażi għas-segwenti pretensjonijiet: (i) jopponi u jirrespinġi bi-qawwa kollha t-talba għall-ħlas tas-somma ta' €1,026.41 tad-Direttur Ġenerali tas-Sigurtà Soċjali; (ii) huwa persuna b'diżabilità u per konsegwenza huwa intitolat għall-Pensjoni ta' l-Invalidità; (iii) it-talba kif kontenuta fid-dikjarazzjoni tad-Direttur Ġenerali tas-Sigurtà Soċjali hija infondata fil-mertu; (iv) huwa ma jidhirlux li rċieva xi forma ta' korrispondenza sabiex jappella ai termini ta' l-Artikolu 108 tal-Kap.318 tal-Liġijiet ta' Malta u għaldaqstant huwa ma setax jappella u lanqas seta' jibda jħallas l-ammont mitlub u dana għar-raġuni li l-posta mhux qed tintbagħtlu d-dar. In effetti l-enevlope li ġabar minn fuq il-post tax-xogħol iġib l-indirizz Asfaltar Limited l/o Triq Ħal Far, Birżebbuġia; (vi) l-Ittra Uffiċjali mibgħuta lilu ġġib id-data tal-15 ta' Ottubru 2019 iżda l-envelope tagħha wasal għandu f'Ottubru 2021; (vii) l-ammont pretiż mid-Direttur Ġenerali tas-Sigurtà Soċjali huwa preskritt ai termini ta' l-Artikolu 2156(b) tal-Kap.16 tal-Liġijiet ta' Malta.

[1] Fol.29 sa' 33 tal-proċess.
[2] Fol.79 u 80 tal-proċess.
[3] Fol. 75 u 76 tal-proċess.

Id-Direttur Ġenerali tas-Sigurtà Soċjali jopponi għat-talba tar-Rikorrent u jitlob li tiġi miċħuda stante li: (i) id-deċiżjoni tad-Direttur Ġenerali tas-Sigurtà Soċjali tal-5 ta' Mejju 2015 li r-Rikorrent tħallas Pensjoni fl-ammont żejjed ta' €1,026.41, intbagħtet fl-indirizz Block 4, Flat 2, Triq tal-Fieres, Kirkop, ossia l-indirizz tar-Rikorrent kif dikjarat mad-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali. Għaldaqstant l-ilment tar-Rikorrent li huwa ma rċeviex tali deċiżjoni u b'hekk ma setax jappella minnha ma huwiex ġustifikat; (ii) l-Artikolu 102 tal-Kap.318 tal-Liġijiet ta' Malta kjarament jiddisponi li min ikun tħallas benefiċċju, pensjoni, allowance jew għajnuna taħt il-Liġi tas-Sigurtà Soċjali li ma kellux dritt għalih, obbligat iħallas lura tali ammont lid-Direttur Ġenerali tas-Sigurtà Soċjali; (iii) ai termini ta' l-Artikolu 26 tal-Kap.318 tal-Liġijiet ta' Malta, persuna hija ntitolata għall-Pensjoni ta' l-Invalidità meta tinsab fl-inkapaċità li timpjega ruħha jew li taħdem għaliha nfisha minħabba marda serja jew ħsara fiżika jew mentali. Ir-Rikorrent, una volta li sab impjieg li reġa' beda jaħdem, ma baqax jikkwalifika għal tali Pensjoni; (iv) it-talba għall-ħlas ma hijiex preskritta ai termini ta' l-Artikolu 2156(b) tal-Kap.16 tal-Liġijiet ta' Malta stante li tali artikolu tal-Liġi ma japplikax għall-każ in eżami.

Il-Qorti tħoss li għandha tibda billi tikkjarifika ftit x'deċiżjonijiet/ittri huma rilevanti għal dawn il-proċeduri u tallokahom fil-*punctum temporis* korrett tagħhom biex b'hekk tkun tista' tikkonsidra l-oġġezzjonijiet tar-Rikorrent fir-rigward.

B'avviż datat 5 ta' Mejju 2015[4] u indirizzat fil-fond Block 4, Flat 2, Triq tal-Fieres, Kirkop, id-Direttur Ġenerali tas-Sigurtà Soċjali, għarraf lir-Rikorrenti li *jirriżulta li tħallast żejjed is-somma ta' Eur 1,026.41 fil-National Minimum Pension li rċevejt minn dan id-Dipartiment għall-perijodu minn 12.01.15 sa' 27.02.15. Dan sar minħabba li Pensjoni dovuta lura. ... Dan il-ħlas żejjed ser jitnaqqas bir-rata ta' 30% mill-pensjoni kontributorja, jew xi benefiċċji oħra li inti tista' tirċievi mid-Dipartiment. ... L-Att dwar is-Sigurtà Soċjali Kap. 318 jipprovdi li jista' jsir appell lill-Arbitru bil-miktub fi żmien tletin ġurnata mid-data ta' din l-ittra, dwar kull deċiżjoni tad-Direttur fuq xi punt ta' liġi jew prinċipju ta' importanza. L-ittra ta' l-appell, flimkien ma' kopja tad-deċiżjoni li qed tiġi appellata (jew kontestata) għandha tiġi ndirizzata lis-Segretarja ta' l-Arbitru, Uffiċċju ta' l-Arbitru, Blokk C, Belt is-Sebħ, Floriana, FRN 1700.*

Ir-Rikorrent jikkontendi li ma jidhirlux li qatt irċieva dan l-avviż.

B'Ittra Uffiċjali ai termini ta' l-Artikolu 466 tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta datata 15 ta' Ottubru 2019, id-Direttur Ġenerali tas-Sigurtà Soċjali, interpella lir-Rikorrent sabiex iħallsu s-somma ta' €1,026.41, rappreżentanti ħlas indebitu ta' Pensjoni ta' l-Invalidità fil-perijodu bejn it-12 ta' Jannar 2015 u s-27 ta' Frar 2015, stante li f'dak il-perijodu huwa kien beda jaħdem u, kif già iktar 'l fuq osservat, għarraf lill-istess Rikorrent li *l-esponent bagħat jinfurmak bid-deċiżjoni tiegħu u cioè li għandek tirrifondi lura l-ammont hawn fuq ċitat, nhar il-5 ta' Mejju 2015. Fl-istess deċiżjoni l-esponent infurmak ukoll illi f'każ li inti ma taqbilx ma' l-imsemmija deċiżjoni, inti kellek id-dritt li tappella ai termini ta' l-Artikolu 108 tal-Kapitolu 318 tal-Liġijiet ta'*

[4] Fol. 65 tal-proċess.

*Malta. Nonostante tali avviż, inti għażilt li ma tappellax minn tali deċiżjoni u di più ma bdejtx tħallas tali ammont.*

Ir-Rikorrent jilmenta mill-fatt li l-Ittra Uffiċjali għad illi datata 15 ta' Ottubru 2015 ġiet notifikata lilu fl-2021.

In kwantu rigwarda d-deċiżjoni tal-5 ta' Mejju 2015, il-Qorti tosserva li din intbagħtet lir-Rikorrent bil-mezz postali u għaldaqstant japplika l-prinċipju li kemm-il darba l-avviż kien indirizzat sew u impustat, hemm il-*presumptio hominis vel facti* li *proof of postage is proof of delivery*[5].

Kif già iktar 'l fuq osservat id-deċiżjoni tal-5 ta' Mejju 2015 kienet indirizzata lir-Rikorrent fil-fond Block 4, Flat 2, Triq tal-Fieres, Kirkop, li huwa l-indirizz residenzjali tar-Rikorrent. In effetti l-istess Rikorrent, mistoqsi in eżami waqt is-seduta tat-18 ta' Jannar 2022 *inti fejn toqgħod bħala indirizz?* wieġeb *Block 4, Flat 2, Triq il-Fieres, Kirkop*. B'hekk ma hemmx dubju li d-deċiżjoni tal-5 ta' Mejju 2015 ġiet indirizzata sew. Id-Direttur Ġenerali tas-Sigurtà Soċjali, Grazio Barbara, fl-affidavit tiegħu ddikjara li *is-Sur Buttigieg ġie nfurmat b'dan* (ossia l-ħlas indebitu ta' €1,026.41) *permezz ta' ittra datata 5 ta' Mejju 2015*, b'dana għalhekk li jsostni li din ġiet impustata. Stabbiliti dawn il-prinċipji għalhekk il-Qorti tqis li hawn għandu japplika l-prinċipju appena ċitat li *proof of postage is proof of delivery*.

Ir-Rikorrenti jipprova jargumenta li din id-deċiżjoni ma waslitx għandu għaliex il-posta mid-Direttur Ġenerali tas-Sigurtà Soċjali ma kenitx qed tintbagħtlu d-dar iżda fuq il-post tax-xogħol f'Asfaltar Limited l/o Triq Ħal Far Birżebbugia. Apparte l-fatt li kif appena osservat id-deċiżjoni tal-5 ta' Mejju 2015 kienet inidirizzata fil-fond residenzjali tar-Rikorrent, kienet l-Ittra Uffiċjali datata 15 ta' Ottubru 2019 u mhux id-deċiżjoni tal-5 ta' Mejju 2015 li, f'ċertu punt u wara diversi tentattivi ta' notifika b'eżitu negattiv, inħarġet għan-notifika fil-post tax-xogħol tar-Rikorrent - proċedura din għal kollox permessa ai termini ta' l-Artikolu 187(1) tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta - biex finalment ġiet notifikata lilu fit-30 ta' Settembru 2021. Kwindi dan l-argument tar-Rikorrent fir-rigward tad-deċiżjoni tal-5 ta' Mejju 2015 assolutament ma jreġix.

Għalkemm ir-Rikorrent jilmenta mill-fatt li l-Ittra Uffiċjali datata 15 ta' Ottubru 2019 ġiet notifikata lilu biss fl-2021, il-Qorti tosserva li matul iż-żmien saru diversi tentattivi ta' notifika lir-Rikorrent li lkoll irriżultaw fin-negattiv, jew għax *unclaimed* mir-Rikorrent stess jew għaliex *ma fetaħ ħadd* meta sar tentattiv tat-tqassim ta' l-Ittra in kwistjoni. In-notifika finalment irnexxiet wara li, kif ingħad ai termini ta' l-Artikolu 187(1) tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta, din inħarġet għan-notifika fuq il-post tax-xogħol tar-Rikorrent, ossia f'Asfaltar Limited l/o Triq Ħal Far, Birżebbuġa. Fiċ-ċirkostanzi għalhekk lanqas dan l-ilment tar-Rikorrenti ma jreġi.

Ir-Rikorrent jikkontendi wkoll li t-talba għall-ħlas tad-Direttur Ġenerali tas-Sigurtà Soċjali hija preskritta ai termini ta' l-Artikolu 2156(b) tal-Kap.16 tal-Liġijiet ta' Malta.

---

[5] Saviour Muscat et v. Commonwealth Educational Society Limited, Appell Ċivili 3/2003 deċiża mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fl-10 ta' Marzu 2004.

L-imsemmi provvediment tal-Liġi jipprovdi li *l-azzjonijiet hawn taħt imsemmija jaqgħu bi preskrizzjoni bl-egħluq ta' ħames snin … (b) l-azzjonijiet għall-ħlas ta' pensjoni għall-manteniment*. Fil-każ in eżami dan l-artikolu tal-Liġi kjarament ma jsibx applikazzjoni stante li hawn mhux każ ta' talba għall-ħlas ta' pensjoni iżda hija talba għar-refużjoni ta' Pensjoni ta' l-Invalidità għall-perijodu 12 ta' Jannar 2015 sa' 27 ta' Frar 2015, imħallsa indebitament lir-Rikorrent.

Minn dan isegwi li lanqas din l-oġġezzjoni tar-Rikorrent verso t-talba għall-ħlas tad-Direttur Ġenerali tas-Sigurtà Soċjali ma hija ġustifikata u b'hekk ma jistħoqqx li tiġi milqugħa.

Għal kull buon fini l-Qorti żżid tosserva li, kif ingħad fis-sentenza fl-ismijiet **Ronald Naudi noe v. Unispeed Shipping and Forwarding Limited, Ċitaz. Nru. 2264/00**, deċiża mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fis-26 ta' Ġunju 2003, *minħabba dak li jipprovdi l-artikolu 2111 tal-Kap.16*[6]*, il-Qorti hija marbuta li tqis biss il-preskrizzjoni speċifika mressqa mill-imħarrek u ma tistax minn rajha tqis li jeżisti terminu preskrittiv ieħor (ukoll jekk dan jeżisti), għaliex, jekk isir dan, il-Qorti tkun qegħda tindaħal u "tissupplixxi għall-parti eċċipjenti f'materja odjuża li fiha ma tistax tieħu inizzjattiva*[7]*"*.

In kwantu rigwarda l-oġġezzjoni tar-Rikorrent li huwa ma għandu xejn x'jagħti lid-Direttur Ġenerali tas-Sigurtà Soċjali u li huwa għandu diżabilità u għaldaqstant intitolat għall-Pensjoni ta' l-Invalidità, hawn ukoll il-Qorti tqis li r-Rikorrent ma għandux raġun.

Mhux kontestat li r-Rikorrent isofri minn diżabilità iżda daqstant ieħor mhux kontestat li b'effett mit-12 ta' Jannar 2015 huwa reġa' beda jaħdem full time ma' Asfaltar Limited. F'tali rigward fil-fatt huwa r-Rikorrent stess li pprovda prova ta' dan permezz tad-dokument esebit a fol. 24 tal-proċess, liema prova ġiet in segwitu ikkoroborata minn Louis Buhagiar in rappreżentanza ta' Jobsplus.

Mill-Artikolu 26 tal-Kap.318 tal-Liġijiet ta' Malta joħroġ b'mod ċar ħafna li sabiex persuna tikkwalifika għall-Pensjoni ta' l-Invalidità trid, fost affarijiet oħra, *tkun inkapaċi, skond dan l-Att, għal impjieg full-time jew impjieg part-time regolari jew li taħdem għaliha nnifisha minħabba marda serja jew ħsara fiżika jew mentali (minbarra marda mentali ħafifa jew xi disturb) għal mhux inqas minn sitt xhur li jiġu minnufih qabel it-talba tagħha jew meta dik il-persuna m'hix intitolata għal benefiċċju li jitħallas skond l-artikolu 18, għal dak il-perjodu iqsar li jiġi minnufih qabel dik it-talba skond ma d-Direttur jista' jistabbilixxi*. Minn dan isegwi li persuna li għad illi għandha invalidità tkun tista' taħdem, hija ma tkunx jew ma tibqax iktar eleġibbli għall-Pensjoni ta' l-Invalidità. Dak huwa eżattament li ġara fil-każ in eżami. Hekk kif ir-Rikorrent sab impjieg ma' Asfaltar Limited, b'effett mid-data ta' l-impjieg tiegħu, ossia b'effett mit-12 ta' Jannar 2015, huwa ma baqax iktar eliġibbli biex jirċievi l-Pensjoni ta' l-Invalidità.

---

[6] Il-qorti ma tistax *ex officio* tagħti effett għall-preskrizzjoni, jekk din ma tiġix eċċepita mill-parti interessata.
[7] Cali v. Galea, deċiża mill-Qorti ta' l-Appell fil-11 ta' Mejju 1956, Kollezzjoni ta' Deċiżjonijiet tal-Qrati Superjuri, Vol. XL.i.166.

Mill-affidavit ta' Grazio Barbara, id-Direttur Ġenerali tas-Sigurtà Soċjali, jirriżulta li ir-Rikorrent kien jirċievi l-pensjoni tiegħu bil-quddiem bil-konsegwenza għalhekk li meta d-Dipartiment sar jaf, u mhux għax infurmahom ir-Rikorrent, li b'effett mit-12 ta' Jannar 2015 ir-Rikorrent kien reġa' beda jaħdem, ġia kienet tħallset il-pensjoni ta' dak il-perijodu w allura ġie li kellu jirrifondi l-pensjoni għall-perijodu bejn it-12 ta' Jannar 2015 u s-27 ta' Frar 2015. Mill-istess affidavit jirriżulta wkoll li l-pensjoni għall-perijodu imsemmi, li tammonta għal €1,026.41, għadha dovuta mir-Rikorrent stante li siccome din għadha ma tħallsitx lura, u huwa, għall-inqas saż-żmien tal-preżentata ta' dawn il-proċeduri, ma kienx jirċievi xi tip ta' benefiċċju ieħor mingħand id-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali, ma setgħetx iseħħ ebda tpaċija hekk kif previst fil-Liġi.

Fid-dawl ta' dan kollu osservat jirriżulta għalhekk illi l-Pensjoni ta' l-Invalidità imħallsa lir-Rikorrent għall-perijodu bejn it-12 ta' Jannar 2015 u s-27 ta' Frar 2015, ammontanti għal €1,026.41, thallset lilu indebitament in kwantu b'effett mit-12 ta' Jannar 2015 huwa reġa' beda jaħdem, konsegwentement tali ammont għandu minnu jitħallas lura lid-Direttur Ġenerali tas-Sigurtà u b'hekk l-oġġezzjonijiet minnu avvanzati kontra t-talba għall-ħlas avvanzata mid-Direttur Ġenerali tas-Sigurtà Soċjali bl-Ittra Uffiċjali datata 15 ta' Ottubru 2019 ma humiex ġustifikati u ma jistħoqqx li jiġu milqugħa.

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad it-talba tar-Rikorrent kif minnu avvanzata bir-Rikors ippreżentat fit-13 ta' Ottubru 2021 u minflok tiddikjara li r-Rikorrent għandu jħallas lura lid-Direttur Ġenerali tas-Sigurtà Soċjali is-somma ta' €1,026.41 rappreżentanti Pensjoni ta' l-Invalidità għall-perijodu bejn it-12 ta' Jannar 2015 u s-27 ta' Frar 2015 li ġiet lilu mħallsa ndebitament.

L-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri għandhom jibqgħu a karigu tar-Rikorrent.

**MAĠISTRAT**

**DEPUTAT REĠISTRATUR**